



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

11 ta' Diċembru 2013*

“Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Swieq Ewropej tas-servizzi ta' komunikazzjoni permezz tal-Internet — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern — Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni”

Fil-Kawża T-79/12,

Cisco Systems Inc., stabbilita f'San Jose, California (l-Istati Uniti),

Messagenet SpA, stabbilita f'Milano (l-Italja),

irrappreżentati minn L. Ortiz Blanco, J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo u K. Jörgens, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn N. Khan, S. Noë u C. Hödlmayr, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Microsoft Corp., stabbilita f'Seattle, Washington (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn G. Berrisch, avukat,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 7279, tas-7 ta' Ottubru 2011, li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern u l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) il-konċentrazzjoni ta' impriżi intiża għall-akkwist minn Microsoft Corp. ta' Skype Global Sàrl (Każ COMP/M.6281)

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn S. Papasavvas, li qed jaġixxi bħala President, M. van der Woude (Relatur) u C. Wetter, Imħallfin,

Reġistratur: S. Spyropoulos, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Mejju 2013,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Partijiet fil-proċedura

- 1 Ir-rikorrenti, Cisco Systems Inc. (iktar 'il quddiem "Cisco") u Messagenet SpA, huma impriżi li jipprovdu, b'mod partikolari, servizzi u softwer ta' komunikazzjonijiet permezz tal-Internet, rispettivament, għall-impriżi u għall-pubblika b'mod ġenerali.
- 2 Microsoft Corp. tikkonċepixxi, tiżviluppa u tikkummerċjalizza selezzjoni vasta ta' prodotti f'forma ta' softwer intiż għal tipi differenti ta' apparat informatiku. Dawn il-prodotti jinkludu servizzi u softwer ta' komunikazzjonijiet permezz tal-Internet.
- 3 Skype Global Sàrl (iktar 'il quddiem "Skype") tipprovdi servizzi u softwer ta' komunikazzjonijiet permezz tal-Internet. Il-prodotti tagħha jippermettu l-messaġġi instantanji, it-telefonati awdjo u l-komunikazzjonijiet vidjo permezz tal-Internet.

Proċedura amministrattiva

- 4 Fit-2 ta' Settembru 2011, Microsoft innotifikat, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), konċentrazzjoni li permezz tagħha hija kellha l-intenzjoni li takkwista l-kontroll ta' Skype.
- 5 Ir-rikorrenti pparteċipaw fl-investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, Cisco, saħansitra qabel in-notifika formali tal-konċentrazzjoni minn Microsoft, ħadet sehem f'laqgħa mal-Kummissjoni fl-1 ta' Awwissu 2011 u wiegħbet għal mistoqsijiet tal-Kummissjoni fit-12 u t-18 ta' Awwissu 2011, biex imbagħad iprovdiet twegġibiet supplimentari fid-9 ta' Settembru 2011. Cisco wiegħbet ukoll mistoqsijiet oħra magħmula mill-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru 2011, fejn iprovdiet informazzjoni supplimentari waqt vidjokonferenza fl-14 ta' Settembru 2011 u osservazzjonijiet bil-miktub fid-19 u s-26 ta' Settembru 2011. Fir-rigward ta' Messagenet SpA, hija bagħtet osservazzjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fl-20 ta' Settembru 2011, ipparteċipat f'konferenza telefonika fl-4 ta' Ottubru 2011 u pprovdiet informazzjoni supplimentari fl-istess jum.
- 6 Fis-7 ta' Ottubru 2011, skont l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni tat deċiżjoni li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) il-konċentrazzjoni ta' impriżi intiża għall-akkwist minn Microsoft ta' Skype (Każ COMP/M.6281 – Microsoft/Skype) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Kontenut tad-deċiżjoni kkontestata

- 7 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li kellha ssir distinzjoni bejn is-servizzi ta' komunikazzjonijiet permezz tal-Internet intiżi għall-klijenti mill-pubbliku inġenerali (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjonijiet residenzjali") u dawn intiżi għall-klijenti impriżi (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjonijiet professjonali") (premessi 10 sa 17 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni ma kkunsidratx li kien neċessarju, għall-finijiet tal-analiżi kompetittiva tagħha, li tipproċedi f'kull waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji l-kbar ta' komunikazzjonijiet għal frammentazzjoni iktar dettaljata,

għaladarba hija qieset li l-operazzjoni nnotifikata ma kinitx tagħti lok għal problemi ta' kompetizzjoni, anki fis-swieq iddefiniti bl-iktar mod speċifiku (premessi 18 sa 63 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant il-Kummissjoni segwiet l-analiżi tagħha billi eżaminat l-effett tal-konċentrazzjoni fuq kull waħda miż-żewġ swieq li hija kienet identifikat.

- 8 Fir-rigward tad-dimensjoni ġeografika tas-swieq, sa fejn il-Kummissjoni qieset li t-tranżazzjoni ma kinitx tqajjem problemi ta' kompetizzjoni, anki b'riferiment għall-iktar suq speċifiku, jiġifieri dak taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), hija ma adottatx pożizzjoni dwar id-definizzjoni preċiża tas-suq ġeografiku ta' referenza (premessi 64 sa 68 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 9 Fir-rigward tal-effett orizzontali tal-konċentrazzjoni fuq is-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali, wara li eżaminat il-karatteristiċi tas-suq (premessi 69 sa 95 tad-deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni għamlet riferiment għall-oqsma l-iktar speċifiċi possibbli li fuqhom teżisti l-ikbar intersekkazzjoni bejn is-servizzi ta' Microsoft u dawk ta' Skype, jiġifieri l-qasam tal-messaġġi instantanji minn kompjuters personali (iktar 'il quddiem il-“PCs”) li jiffunzjonaw taħt is-sistema operattiva Windows (iktar 'il quddiem “Windows”), dak tat-telefonati awdjo magħmula minn PC li jiffunzjona permezz ta' Windows u l-qasam tal-komunikazzjonijiet vidjo permezz ta' dan l-istess tip ta' PC. Il-Kummissjoni qieset li t-tranżazzjoni ma kinitx tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, anki f'dawn l-oqsma speċifiċi (premessi 96 sa 132 tad-deċiżjoni kkontestata). B'mod partikolari, fir-rigward tal-qasam tal-komunikazzjonijiet vidjo fuq PC li jiffunzjona permezz ta' Windows (iktar 'il quddiem is-“suq speċifiku”) fejn l-entità l-ġdida għandha sehem mis-suq ta' bejn 80 % u 90 % mas-servizzi ta' Skype u dawk ta' Microsoft offerti taħt it-trade mark “Windows Live Messenger” (iktar 'il quddiem “WLM”), il-Kummissjoni kkunsidrat li Microsoft tbat i minn pressjoni kompetittiva.
- 10 Id-deċiżjoni kkontestata analizzat ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-konċentrazzjoni tiġġenerax effetti ta' konglomerat fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali, b'mod partikolari fid-dawl tal-pożizzjoni importanti li minnha jibbenefikaw ċerti prodotti ta' Microsoft, bħal Windows, il-browser Windows Internet Explorer u s-softwer Microsoft Office, fuq swieq oħra ta' softwer informatiku. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni qieset li l-entità l-ġdida kellha l-kapaċità, għalkemm ma hijiex inċentivata tagħmel dan, li tuża din il-pożizzjoni sabiex toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni favur prodotti ta' Skype u ta' Microsoft billi tiddegrada l-interoperabbiltà ta' dawn il-prodotti ma' prodotti kompetituri jew billi tuża prattiki ta' ġemellaġġ jew ta' bejgħ marbut. Minkejja li l-entità l-ġdida ttipprova ssegwi strateġija ta' esklużjoni, l-effetti antikompetittivi huma, skont il-Kummissjoni, limitati, jew saħansitra ineżistenti (premessi 133 sa 170 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 11 Fir-rigward tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni ma kinitx tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Jidher li l-preżenza ta' Skype f'dan is-suq huwa limitat u l-entità ġdida ma ssirx leader fis-suq, anki fl-iktar oqsma speċifiċi li fihom Skype hija xorta waħda attiva (premessi 177 sa 202 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 12 Id-deċiżjoni kkontestata wiegħbet ukoll għal ċertu tħassib li operaturi ta' telefonija tradizzjonali u fornituri oħra ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet professjonali kienu esprimew matul l-investigazzjoni fir-rigward ta' effetti possibbli ta' konglomerat fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali, billi qieset li dan it-tħassib ma kienx fondat (premessi 203 sa 221 tad-deċiżjoni kkontestata). Wieħed minn dan it-tħassib kien jikkonċerna l-possibbiltà li l-entità l-ġdida toħloq għaqda privileġġata tal-klijentela ta' Skype ma' dik marbuta ma' Lync, li huwa softwer ta' komunikazzjonijiet żviluppata minn Microsoft u intiża għall-impriżi, liema fatt kien jagħti vantaġġ importanti lill-entità l-ġdida fir-rigward tal-impriżi li joperaw call centres. Madankollu, skont id-deċiżjoni kkontestata, l-entità l-ġdida ma għandhiex il-kapaċità, u ma għandhiex inċentiv, sabiex tmexxi strateġija ta' esklużjoni li fi kwalunkwe każ jidher li l-effetti antikompetittivi tagħha huma improbabbli (premessi 213 sa 221 tad-deċiżjoni kkontestata).

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 13 Permezz ta' talba ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.
- 14 Permezz ta' att separat ippreżentat fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll talba għal proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u, sussidjarjament, trattament prijoritarju fis-sens tal-Artikolu 55(2) tal-istess regolament.
- 15 Fit-22 ta' Marzu 2012, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiċħad it-talba għal proċedura mħaffa. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma laqgħatx it-talba sabiex il-kawża tiġi deċiża bi prijorità.
- 16 Permezz ta' digriet tat-23 ta' Mejju 2012, il-President tar-Raba' Awla laqa' t-talba għal intervent ta' Microsoft, ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Marzu 2012.
- 17 Fid-29 ta' Mejju 2012, il-partijiet ġew informati li ma kienx meħtieġ skambju ieħor ta' noti, skont l-Artikolu 47(1) tar-Regoli tal-Proċedura.
- 18 Fil-11 ta' Lulju 2012, Microsoft issottomettiet nota ta' intervent. Fl-24 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' din in-nota.
- 19 Fit-12 ta' Settembru 2012, il-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet fil-kuntest ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Il-partijiet wiegħbu għal dawn il-mistoqsijiet fit-termini mogħtija.
- 20 Peress li żewġ membri tal-Awla ma setgħux jipparteċipaw fid-deliberazzjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali nnomina żewġ Imħallfin, skont l-Artikolu 32(3) tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex jikkompleta l-Awla.
- 21 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, għamlet mistoqsija bil-miktub lill-parti intervenjenti, fejn stednitha tweġibha matul is-seduta. L-intervenjenti kkonformat ruħha ma' din it-talba.
- 22 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013.
- 23 Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tordna l-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura li l-Qorti Ġenerali tqis li huma neċessarji u, b'mod partikolari, tordna lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi lill-Qorti Ġenerali d-dokumenti kollha dwar in-negozjati li jikkonċernaw il-komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-partijiet fit-tranżazzjoni fir-rigward ta' impenji eventwali ta' interoperabbiltà;
 - tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 24 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

25 L-intervenjenti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

- 26 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jressqu żewġ motivi, ibbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-implementazzjoni tal-Artikoli 2 u 6 tar-Regolament Nru 139/2004 u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 296 TFUE. L-ewwel motiv jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali. It-tieni motiv jikkonċerna żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-effett fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali li jkollha l-għaqda eventwali tal-bażi ta' utenti ta' Skype mas-servizzi ta' Lync.
- 27 Bħala introduzzjoni għal dawn iż-żewġ motivi, ir-rikorrenti jsostnu argumenti dwar ir-rekwiżiti ta' prova li għandha l-Kummissjoni meta tapplika r-Regolament Nru 139/2004 u l-intensità tal-kontroll ta' legalità eżerċitat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-qasam.
- 28 Mingħajr ma tqajjem formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà b'att separata abbażi tal-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni ssostni fir-risposta li Cisco ma għandhiex interess ġuridiku meta titlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata taħt l-ewwel motiv tar-rikors u li Messagenet ma għandhiex *locus standi* fil-kuntest sħiħ tar-rikors.

Fuq l-ammissibbiltà

- 29 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors fir-rigward ta' Cisco, il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, ma tikkontestax il-fatt li Cisco hija individwalment u direttament ikkonċernata bid-deċiżjoni kkontestata u li għalhekk, f'dan is-sens, għandha *locus standi* kontra dan l-att, iżda hija tqis li Cisco ma għandhiex interess ġuridiku kontra din id-deċiżjoni inkwantu din tikkonċerna s-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali u, għaldaqstant, li l-ewwel motiv huwa inammissibbli. Fil-fatt, sa fejn din il-miżura hija intiża sabiex tistabbilixxi li l-Kummissjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tal-effett kompetittiv tal-konċentrazzjoni fis-suq fejn Cisco ma hijiex preżenti, f'dan il-każ dak tal-komunikazzjonijiet residenzjali, l-implementazzjoni tal-imsemmi motiv ma jistax jiksbilha vantaġġ. Il-Kummissjoni tqis li r-rikorrenti ma għandhomx il-fakultà li jqajmu motivi fis-sempliċi interess tal-liġi.
- 30 Fir-rigward ta' Messagenet, il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, issostni li l-parteċipazzjoni dgħajfa ta' Messagenet fil-proċedura amministrattiva ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi rrikonoxxut *locus standi* lilha kontra d-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, hija tosserva li l-parteċipazzjoni ta' Messagenet fl-imsemmija proċedura ma kellha ebda influwenza fuq il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata u li hija ma kinitx ġiet identifikata bħala kompetitur ta' Skype matul din l-istess proċedura. Waqt is-seduta l-Kummissjoni ppreċiżat li Messagenet lanqas ma kienet tipprovdi softwer għall-komunikazzjonijiet vidjo.
- 31 Minn dan, il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkonkludu li l-ewwel motiv huwa inammissibbli sa fejn jikkonċerna Cisco u li r-rikors huwa kollu kemm hu inammissibbli sa fejn jikkonċerna Messagenet.
- 32 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors.

- 33 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors ta' Cisco, għandu jittfakkar li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jippermetti lil persuna li ma hijiex id-destinatarja ta' att tippreżenta rikors għal annullament kontra dan l-att, jekk dan jikkonċernaha individwalment u direttament.
- 34 Skont il-ġurisprudenza, il-kwistjoni tal-*locus standi* ta' rikorrent għandu jiġi evalwat fir-rigward tal-effetti li l-att ikkontestat ikollu fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu sa fejn l-imsemmi rikorrent ikun, minn naħa, direttament affettwat mill-att ikkontestat (ara, f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1990, Sofrimport vs Il-Kummissjoni, C-152/88, Ġabra p. I-2477, punt 9, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 1994, Air France vs Il-Kummissjoni, T-3/93, Ġabra p. II-121, punt 80) u, min-naħa l-oħra, individwalment affettwat b'dan l-istess att (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, Ġabra p. 197, 223). Min-naħa l-oħra, il-*locus standi* tar-rikorrent ma jiġix iddeterminat skont il-motivi li huwa jressaq insostenn tar-rikors tiegħu.
- 35 L-istess jgħodd għall-kwistjoni dwar jekk rikorrent għandux interess ġuridiku. Dan l-interess jirriżulta mill-konsegwenzi li l-annullament tal-att ikkontestat jista' jkollu fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 1986, AKZO Chemie u AKZO Chemie UK vs Il-Kummissjoni, 53/85, Ġabra p. 1965, punt 21, u tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 1999, Gencor vs Il-Kummissjoni, T-102/96, Ġabra p. II-753, punt 40). Dan l-interess għandu jkun eżistenti u attwali, għandu jiġi evalwat fil-ġurnata li fiha jiġi ppreżentat ir-rikors u jeżisti biss jekk bir-riżultat tiegħu ir-rikors jista' jikseb benefiċċju lill-parti li jkun ippreżentat (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2006, easyJet vs Il-Kummissjoni, T-177/04, Ġabra p. II-1931, punt 40, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 Issa, f'dan il-każ, Cisco kellha, fil-ġurnata meta ppreżentat ir-rikors, interess eżistenti u attwali li tara d-deċiżjoni kkontestata annullata, minħabba li din kienet tawtorizza konċentrazzjoni li kienet tinvolvi wieħed mill-kompetituri ewlenin tagħha, li setgħet taffettwa s-sitwazzjoni kummerċjali tagħha. B'hekk, l-interess ġuridiku ta' din ir-rikorrenti fid-dawl tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata ma jistax jiġi kkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza easyJet vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).
- 37 Għalkemm huwa minnu li l-Qorti Ġenerali għandha tipprekludi rikorrent milli jinvoka motivi la ma għandux interess individwali li jqajjem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 1983, Schloh vs Il-Kunsill, 85/82, Ġabra p. 2105, punti 13 u 14), dan ma huwiex il-każ tal-ewwel motiv invokat mir-rikorrenti hawnhekk. Fil-fatt, dan il-motiv jikkonċerna direttament l-evalwazzjoni tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni u, għalhekk, wieħed mill-punti bażiċi tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata. Filwaqt li Cisco għandha interess ġuridiku kontra dan id-dispożittiv, hija għandha wkoll interess li tikkontesta l-motivi u l-elementi ta' raġunament li wasslu lill-Kummissjoni tadotta dan id-dispożittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza easyJet, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).
- 38 Barra minn hekk, għandu jittfakkar li l-assenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn impriża rikorrenti u l-impriża partijiet fil-konċentrazzjoni ma tfissirx neċessarjament li r-rikors ippreżentat minn tal-ewwel hija inammissibbli, b'mod partikolari meta topera f'suq ġar ta' dak ta' dawn tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2003, ARD vs Il-Kummissjoni (T-158/00, Ġabra p. II-3825, punti 78 sa 95).
- 39 Issa, iż-żewġ motivi li r-rikorrenti jressqu insostenn tar-rikors tagħhom huma marbuta mill-qrib. It-tieni motiv għalhekk huwa bbażat fuq il-premessa li l-entità l-ġdida għandha tuża l-pożizzjoni importanti tagħha fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali, b'mod partikolari għall-komunikazzjonijiet vidjo, bħala lieva sabiex tinħoloq distorsjoni tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali. Ir-rikorrenti jsostnu, bl-istess loġika, li l-għan ekonomiku tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali huwa dovut, parzjalment, għall-possibbiltà ta' vijabbiltà fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali.

- 40 Fir-rigward tal-*locus standi* ta' Messagenet, għandu jiġi osservat li Cisco u Messagenet ippreżentaw l-istess rikors waħdieni. Issa, skont ġurisprudenza li issa hija stabbilita sew, fir-rigward ta' l-istess rikors waħdieni, għadarba wieħed mir-rikorrenti għandu *locus standi*, ma hemmx lok li jiġi eżaminat il-*locus standi* tar-rikorrenti l-oħra, ħlief sabiex wieħed jibbaża ruħu fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et vs* Il-Kummissjoni, C-313/90, Ġabra p. I-1125, punt 31, u tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2007, Sun Chemical Group *et vs* Il-Kummissjoni, T-282/06, Ġabra p. II-2149, punti 50 sa 52). Fil-każ inkwistjoni, li kieku kellu jitqies li eżami separat tal-ammissibbiltà tar-rikors ta' Messagenet jżvela li din ma għandhiex *locus standi*, il-Qorti Ġenerali xorta waħda jkollha teżamina r-rikors fl-intier tiegħu. Għaldaqstant ma jeżistux raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju li jiġġustifikaw li l-Qorti Ġenerali tbiegħdet mill-ġurisprudenza inkwistjoni.
- 41 Għalhekk jeħtieġ li tiġi miċħuda l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikorrenti u li r-rikors jiġi ddikjarat bħala ammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq ir-rekwiżiti ta' prova tal-Kummissjoni u l-intensità tal-kontroll ġudizzjarju

- 42 Preliminarjament, ir-rikorrenti jressqu numru ta' argumenti li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' prova li l-Kummissjoni għandha fil-kontroll tal-konċentrazzjonijiet u l-intensità tal-kontroll tal-legalità eżerċitat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-qasam.
- 43 Ir-rikorrenti jsostnu li, b'differenza mid-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni ma tgawdi minn ebda setgħa diskrezzjonali meta hija tiddeċiedi skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-istess regolament. Il-kontroll tal-legalità li l-Qorti Ġenerali hija msejġha teżerċita għad-deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' din l-aħħar dispożizzjoni ma jikkonċernax il-kwistjoni dwar jekk il-konċentrazzjoni taħt eżami tostakolax b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern, iżda dik dwar jekk il-konċentrazzjoni tqajjimx oġġettivament dubji serji li jeħtieġu eżami supplimentari. Ir-rikorrenti jqisu li dan it-tip ta' kontroll għandu jikkorrispondi ma' dak li teżerċita l-Qorti Ġenerali fil-qasam ta' għajjnuna mill-Istat fid-dawl tad-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk għandhiex tiftaħ proċedura fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE jew le. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ma tistax tillimita ruħha sabiex tivverifika jekk il-Kummissjoni wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni. Bil-kontra għandha teżamina jekk il-Kummissjoni setgħetx tikkonkludi, mingħajr dubju raġonevoli, li l-konċentrazzjoni kkontestata ma kinitx toħloq problemi ta' kompetizzjoni, anki fl-iktar suq speċifiku possibbli.
- 44 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, tikkontesta dawn l-argumenti.
- 45 Għandu jittfakkar li, meta l-Kummissjoni tanalizza konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004, hija twestaq fażi preliminari ta' investigazzjoni sabiex tistabbilixxi jekk il-konċentrazzjoni tqajjimx dubji serji dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern skont l-Artikolu 6(1) tal-istess regolament. Jekk hija tikkonkludi li l-konċentrazzjoni li qed tiġi eżaminata tqajjem tali dubji, il-Kummissjoni tiftaħ fażi oħra ta' investigazzjoni fejn fi tmiemha hija jkollha tiddeċiedi jekk il-konċentrazzjoni tostakolax b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004.
- 46 Għalkemm huwa minnu li, b'differenza tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004, l-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament jirreferi għall-eżistenza jew għall-assenza ta' dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni nnotifikata mas-suq intern, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fiż-żewġ każijiet fuq l-istess kriterji ta' evalwazzjoni, hekk kif inhuma previsti fl-Artikolu 2 tal-istess regolament. Bl-istess mod, bil-kontra ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, ir-rekwiżiti ta' prova ma humiex oġġha għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 139/2004 minn dawk

meħuda skont l-Artikolu 8 tal-istess regolament. Effettivament, il-fatt li l-Kummissjoni tawtorizza, bħal f'dan il-każ, konċentrazzjoni wara li tintemm fażi preliminari jew wara fażi ulterjuri ta' eżami, ir-rekwiżiti ta' prova meħtieġa huma identiċi. It-tweġiba għall-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tistax tiddeċiedi abbażi tal-Artikolu 6 jew skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004 tiddependi għalhekk fuq id-disponibbiltà tal-provi tul iż-żmien, iżda mhux fuq il-livell tagħhom, hekk kif wara kollox jirriżulta mill-premessa 35 tar-Regolament Nru 139/2004.

- 47 Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' prova, mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punti 50 sa 53) jirriżulta li l-Kummissjoni, bħala prinċipju, għandha l-obbligu li tiegħu pożizzjoni jew fis-sens tal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni li jkollha quddiemha, jew fis-sens tal-projbizzjoni tagħha, skont l-evalwazzjoni tagħha tal-iżvilupp ekonomiku attribwibbli għall-operazzjoni inkwistjoni bl-ogħla probabbiltà. Għaldaqstant din hija evalwazzjoni ta' probabbiltajiet, hekk kif issostni l-Kummissjoni, u mhux, bħal ma jostnu r-rikorrenti, obbligu li għandha l-Kummissjoni li tipprova mingħajr dubju raġonevoli li konċentrazzjoni ma tqajjimx problemi ta' kompetizzjoni.
- 48 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar għustament li r-Regolament Nru 139/2004 ma jistrieħ fuq preżunzjoni ta' inkompatibbiltà tal-konċentrazzjonijiet mas-suq intern. Is-sistema ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet ma tistax għaldaqstant tiġi pparagunata mas-sistema ta' kontroll stabbilita bl-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE, li tibbaża ruħha fuq sistema t'a projbizzjoni u ta' derogi.
- 49 Ċertament, ir-rikorrenti josservaw, ukoll għustament, li l-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament Nru 139/2004 ma jagħti lill-Kummissjoni ebda setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-ftuħ ta' fażi ulterjuri ta' investigazzjoni supplimentari meta hija jkollha dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq intern. Fil-fatt, meta l-Kummissjoni jkollha dubji serji dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern, hija għandha l-obbligu li tiftaħ fażi ulterjuri ta' investigazzjoni. Madankollu, anki jekk il-kunċett ta' "dubji serji" huwa ta' natura oġġettiva, il-Kummissjoni tfakkar għustament li xorta jibqa' l-fatt li, qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament Nru 139/2004, hija għandha twettaq evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi u li hija għandha, f'dan ir-rigward, ċerta marġni diskrezzjonali li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni, T-119/02, Ġabra p. II-1433, punt 77).
- 50 Konsegwentement, sew jekk fir-rigward tad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 6 sew għal dawk adottati abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004, il-ġurisprudenza tipprovdi livell identiku ta' kontroll ġudizzjarju. Fiż-żewġ każijiet, bħal ma ssostni l-Kummissjoni, il-kontroll eżerċitat mill-Qorti tal-Unjoni fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi tal-Kummissjoni għandu jillimita ruħu għall-verifika tal-osservanza tar-regoli ta' proċedura u ta' motivazzjoni, tal-eżattezza materjali tal-fatti kif ukoll tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' abbuż ta' poter. F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li l-Qorti tal-Unjoni għandha mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom, iżda wkoll tikkontrolla jekk dawn il-provi jikkostitwixxux it-tagħrif kollu rilevanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jissostanzjaw il-konklużjonijiet li jinsiltu minnhom (ara, għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, Ġabra p. I-987, punt 39, u għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 6 tal-istess Regolament, is-sentenza Sun Chemical Group *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

Fuq l-ewwel motiv, dwar l-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali

- 51 Skont id-deċiżjoni kkontestata, l-attivitajiet ta' Skype fil-qasam tal-komunikazzjonijiet residenzjali u l-attivitajiet eżerċitati minn Microsoft ma' WLM jintersekaw. Din l-intersekazzjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-komunikazzjonijiet vidjo magħmula minn PC li jaħdem bil-Windows, liema fatt jikkostitwixxi s-suq speċifiku. F'dan is-suq speċifiku, WLM għandha parti mis-suq ta' bejn 30 % u 40 % u Skype ta' bejn 40 % u 50 %, b'tali mod li l-konċentrazzjoni tagħti lok għal parti mis-suq magħqud ta' bejn 80 % u 90 % (premessi 97 sa 102 u 109 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 52 Madankollu l-Kummissjoni qieset li din l-għaqda ma kinitx tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq intern. L-ewwel nett, f'dan ir-rigward, hija qieset li l-partijiet mis-suq ma humiex wisq indikattivi ta' setgħa kompetittiva f'suq f'espansjoni sħiħa u li, sa fejn is-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo huma offruti b'xejn, kull tentattiv ta' impożizzjoni ta' prezz iħajjar lill-konsumaturi jbiddu l-fornitur. L-istess jiġri jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kellha twaqqaf l-innovazzjoni, għadarba l-konsumaturi jagħtu importanza kbira lill-innovazzjoni tal-prodotti. It-tieni nett, l-entità l-ġdida tbatli mill-pressjoni kompetittiva kemm min-naħa ta' kompetituri ġodda li jipproponu prodotti innovattivi kif ukoll minn bosta operaturi eżistenti, fosthom b'mod partikolari Google u Facebook. It-tielet nett, id-domanda għall-komunikazzjonijiet vidjo offerti minn WLM jinsab f'deklin avanzat. Barra minn hekk, il-preżenza ta' WLM fis-suq tat-tablets u tal-ismartphones hija limitata ħafna, filwaqt li dawn huma pjattaformi ta' użu li jinsabu f'espansjoni sħiħa. Ir-raba' nett, l-effetti ta' netwerk, li tista' tagħti lok il-konċentrazzjoni, jitnaqqsu minħabba l-fatt li l-utenti għandhom it-tendenza jikkomunikaw fi gruppi ristretti żgħar u jużaw varjetà ta' operaturi. Dawn il-fatturi juru l-faċilità li biha l-gruppi ta' utenti jaqilbu lejn servizzi oħra ta' komunikazzjonijiet.
- 53 Ir-rikorrenti jqisu li, għalkemm il-Kummissjoni kienet applikat korrettament il-Linji gwida fuq l-istima jew kalkolu tal-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10, iktar 'il quddiem il-“Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali”) u rrispettat il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha, hija jmissha eżaminat ukoll l-effetti antikompetittivi tal-konċentrazzjoni. Huma jqisu li l-Kummissjoni jmissha eżaminat jekk dawn il-problemi setgħux jiġu solvuti permezz tal-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw l-interoperabbiltà bejn is-servizzi ta' komunikazzjonijiet offerti mill-entità l-ġdida u dawk offerti minn fornituri kompetituri. Billi approvat it-tranżazzjoni fl-ewwel fażi mingħajr ma rrikjediet impenji f'dan is-sens, jidher li l-Kummissjoni wettqet numru ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni billi naqset milli tqajjem dubji serji fir-rigward tat-tranżazzjoni inkwistjoni.
- 54 Insostenn ta' dan l-ewwel motiv, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu tliet ilmenti.
- 55 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jakkużaw lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti ta' netwerk fis-swieq tal-komunikazzjonijiet residenzjali, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'dan is-suq speċifiku. Skont ir-rikorrenti, l-analiżi tal-effetti ta' netwerk mill-Kummissjoni tmur kontra l-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha u jidher li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi ma spjegatx ir-raġunijiet għalfejn hija ma segwietx din il-prassi.
- 56 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jippreċiżaw li l-għaqda ta' parti mis-suq għolja ħafna u ta' livell ta' konċentrazzjoni ta' 7 340 skont l-indiċi ta' Herfindahl-Hirschmann (iktar 'il quddiem l-“IHH”) kienet tikkostitwixxi, mill-inqas, indikazzjoni qawwija tal-eżistenza ta' problemi ta' kompetizzjoni li jiġġustifikaw il-ftuħ ta' investigazzjoni kumplimentari, fejn l-argumenti esposti fid-deċiżjoni kkontestata ma jaffettwawx il-valur probatorju ta' dawn iż-żewġ elementi. Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda prova tal-possibbiltà għall-konsumaturi li jbiddu fornitur kieku l-entità l-ġdida kellha tieqaf mill-innovazzjoni jew milli tiżgura interoperabbiltà ma' servizzi kompetituri.

- 57 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat il-persjonijiet kompetittivi li għalihom hija suġġetta l-entità l-ġdida.
- 58 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jqisu li l-argumenti tar-rikorrenti ma humiex fondati.
- 59 Mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 130/2004 jirriżulta li huma biss il-konċentrazzjonijiet li jostakolaw b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew parti sostanzjali tiegħu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tiżiħ ta' pożizzjoni dominanti, li għandhom jiġu ddikjarati inkompatibbli mas-suq intern.
- 60 Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet orizzontali, il-Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jiddeskrivu l-kriterji li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tapplika sabiex tiddetermina jekk konċentrazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni previsti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004. Mill-punt 22 ta' dawn il-linji gwida jirriżulta li dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu sodisfatti b'mod partikolari meta konċentrazzjoni twassal għat-tneħħija ta' persjonijiet kompetittivi importanti fuq il-partijiet fil-konċentrazzjoni, fejn b'hekk is-setgħa tagħhom fis-suq tikber, mingħajr ma jirrikorru għal koordinazzjoni tal-aġiri tagħhom.
- 61 Skont il-punt 8 tal-Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, il-fatt li impriża jew numru ta' impriżi jkollhom żieda fis-setgħa tagħhom fis-suq jista' jikkawża danni fuq il-kompetizzjoni, jekk din is-setgħa tippermetti lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tipproċedi, billi tagħmel profitt, għal żidiet fil-prezzijiet, tnaqqis fil-produzzjoni, limitazzjonijiet fl-għażla jew tnaqqis fil-kwalità tal-beni u tas-servizzi proposti kif ukoll tnaqqis fl-innovazzjoni jew, ulterjorment, jekk din is-setgħa tippermettilhom jinfluwenzaw fatturi oħra ta' kompetizzjoni.
- 62 Skont il-ġurisprudenza, l-oneru li jiġi pprovat li konċentrazzjoni tipproduċi tali danni fuq il-kompetizzjoni jaqa' fuq il-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2005, EDP vs Il-Kummissjoni, T-87/05, Ġabra p. II-3745, punt 61). Għandu jifakkar ukoll li, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq aġir futur li, skont hi, jiġi adottat minn entità li tkun ingħaqdet wara konċentrazzjoni, hija għandha l-obbligu li tistabilixxi, abbażi ta' provi solidi u b'livell ta' probabbiltà suffiċjenti, li dan l-aġir verament ser jipproduċi ruħu (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, Ġabra p. II-5575, punt 464).
- 63 Sa fejn il-Kummissjoni hija għalhekk imsejħa twettaq analiżi prospettiva li teħtieġ it-teħid inkunsiderazzjoni ta' bosta fatturi ekonomiċi, hija għandha marġni ta' diskrezzjoni li l-Qorti Ġenerali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tal-kontroll tagħha. Madankollu dan ma jfissirx li l-Qorti Ġenerali għandha tibqa' lura milli tikkontrolla l-interpretazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' tagħrif ta' natura ekonomika, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 50 iktar 'il fuq.
- 64 Huwa fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jeħtieġ li jiġu eżaminati l-argumenti mressqa mir-rikorrenti insostenn tal-ewwel motiv tagħhom. Madankollu dan l-eżami għandu jsir f'ordni differenti minn dak li fih ir-rikorrenti ressuq l-argumenti tagħhom. Fil-fatt, qabel kollox għandhom jiġu eżaminati l-argumenti dwar il-parti mis-suq, sabiex sussegwentement jiġu evalwati dawk misluta mill-effetti ta' netwerk. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti li jikkonċernaw id-dannu li l-konċentrazzjoni kkontestata tista' tikkawża lill-kompetizzjoni.

– Fuq il-parti mis-suq

- 65 Fir-rigward tal-parti mis-suq għolja ħafna fis-suq speċifiku, mill-punt 17 tal-Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali kif ukoll mill-ġurisprudenza li għaliha jirreferi l-imsemmi punt jirriżulta li partijiet mis-suq ta' 50 % u oġġla jistgħu jikkostitwixxu provi serji tal-eżistenza ta' pożizzjoni

dominanti. Madankollu għandu jiġi ppreċiżat li l-partijiet mis-suq jistgħu jintużaw biss bħala ħjiel ta' problemi kompetittivi, sa fejn is-suq li għalih jirreferu dawn il-partijiet ikun ġie ddefinit minn qabel. L-istess jgħid għall-IHH li għalih ir-rikorrenti jirreferu wkoll.

- 66 Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tagħmel differenza bejn il-komunikazzjonijiet residenzjali u l-komunikazzjonijiet professjonali (ara l-punt 7 iktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, hija ma adottatx pożizzjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk kienx meħtieġ li jiġi identifikat, fi ħdan il-kategorija tal-komunikazzjonijiet residenzjali, l-eżistenza ta' swieq ta' referenza iktar ristretti skont il-funzjonalitajiet, tal-pjattaformi tagħhom jew tas-sistemi operattivi ta' dawn il-komunikazzjonijiet, peress li hija qieset li l-konċentrazzjoni nnotifikata ma kinitx tqajjem problemi kompetittivi anki fl-iktar swieq speċifiċi. Il-Kummissjoni kkonstatat b'mod partikolari li, anki billi bbażat ruħha fuq is-suq speċifiku, l-entità l-ġdida tibqa' suġġetta għal pressjonijiet kompetittivi importanti.
- 67 Għaldaqstant ir-rikorrenti jibbażaw l-ilment tagħhom dwar setgħa fis-suq tal-entità l-ġdida fis-suq speċifiku fuq premessa ineżatta, inkwantu l-Kummissjoni ma ddefinixxietx l-eżistenza ta' suq speċifiku ta' komunikazzjonijiet vidjo residenzjali minn PC li jaħdem bil-Windows. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma stabbilixxietx fid-deċiżjoni kkontestata li l-operaturi preżenti fis-suq speċifiku setgħu jaġixxu indipendentement mill-pressjoni kompetittiva li tkun ġeja minn mezzi oħra ta' komunikazzjoni residenzjali, bħas-servizzi offerti minn pjattaformi oħra jew sistemi operattivi oħra. Barra minn hekk, ir-rikorrenti nnifishom ma pproduċew ebda prova jew studju li jippermettu li jiġi konkluż li jeżisti tali suq speċifiku. Huma llimitaw ruħhom, min-naħa l-oħra, sabiex jikkritikaw l-elementi li d-deċiżjoni kkontestata kienet esponiet sabiex tirrelativizza l-importanza tal-partijiet mis-suq (ara l-punt 56 iktar 'il fuq). Barra minn hekk din il-kritika ma hijiex fondata.
- 68 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ammonti dwar l-użu ta' WLM, jeħtieġ sempliċement li jiġi osservat li l-ammonti msemmija fid-deċiżjoni kkontestata juru fluttwazzjoni importanti tal-parti mis-suq ta' WLM f'medda ta' żmien relattivament limitata ta' seba' xhur. Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk it-telf ta' partijiet mis-suq ibbenefikax lil Skype jew lil fornituri oħra ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo, xorta jibqa' l-fatt li dawn l-ammonti juru instabbiltà tal-partijiet mis-suq fuq is-suq speċifiku, li l-Kummissjoni kkonstatat għas-sempliċi finijiet tal-analiżi tagħha.
- 69 Barra minn hekk, u fuq kollox, hekk kif inhu enfasizzat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u fir-risposta kif ukoll mill-intervenjenti, is-settur tal-komunikazzjonijiet residenzjali huwa settur reċenti f'espansjoni sħiħa li jikkarakterizza ruħu b'ċikli ta' innovazzjoni qosra u li fihom partijiet kbar mis-suq jistgħu jirriżultaw effimeri. F'tali kuntest dinamiku, il-partijiet mis-suq elevati ma humiex neċessarjament indikattivi ta' setgħa fis-suq u, għalhekk, tal-preġudizzju fit-tul fuq il-kompetizzjoni li r-Regolament Nru 139/2004 jipprova jipprevjeni.
- 70 It-tieni nett, minkejja li l-PCs jibqgħu l-iżjed pjattaforma li tintuża għall-komunikazzjonijiet vidjo residenzjali, parti sostanzjali u dejjem tikber tad-domanda ġdida għal dawn is-servizzi tiġi min-naħa tal-utenti tat-tablets u tal-ismartphones, fejn il-bejgħ ta' dawn l-apparati qabeż dak tal-PCs fil-punent tal-Ewropa skont il-premessa 32 tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jsostnu għustament l-importanza ta' dan it-tkabbir, liema fatt ir-rikorrenti ma jikkontestawx, peress li kull tentattiv min-naħa tal-entità l-ġdida li teżerċita xi tip ta' setgħa fis-suq speċifiku jista' jsaħħaħ din it-tendenza b'detriment tal-entità l-ġdida. Fil-fatt, l-entità l-ġdida hija inqas preżenti fuq dawn il-pjattaformi l-oħra u għandha tiffaċċja kompetizzjoni qawwija tal-operaturi l-oħra, b'mod partikolari Apple u Google.
- 71 It-tielet nett, l-intervenjenti tosserva wkoll għustament li l-użu dejjem iktar frekwenti ta' tablets u ta' smartphones għall-komunikazzjonijiet vidjo jimplika li numru jikber ta' utenti jistenna li dawn il-komunikazzjonijiet ikunu jistgħu jseħħu mit-tipi kollha ta' pjattaformi. Il-preżenza dgħajfa ta' WLM fuq it-tablets u l-ismartphones ma jippermettilhiex li tissodisfa din id-domanda ġdida u tnaqqas, għalhekk, l-attraenza kummerċjali tagħha. Għaldaqstant il-Kummissjoni għustament irreferiet għal din

il-preżenza limitata sabiex tirrelativizza l-importanza tal-partijiet mis-suq elevati kkonstatati fis-suq speċjalizzat li hija kkunsidrat bħala punt tat-tluq tal-analiżi kompetittiva tagħha fid-deċiżjoni kkontestata.

- 72 Ir-raba' nett, l-argument tar-rikorrenti li Facebook ma hijiex kompetitur effettiv tal-entità li tirriżulta minn konċentrazzjoni ma jistax jiġi milqugħ. Fil-fatt, is-sempliċi punt li huma jipproduċu insostenn ta' dan l-argument huwa l-fatt li Facebook għandha liċenzja u hija alleata strateġika ta' Skype, li ma tistax tuża s-software ta' Skype sabiex toffri servizzi b'kompetizzjoni mas-servizzi bi ħlas ta' Skype, imsemmija SkypeOut, li jippermettu b'mod partikolari li wieħed iċempel numri tat-telefon fissi jew ċellulari u li jsiru komunikazzjonijiet vidjo li jinvolvu iktar minn żewġ persuni. Madankollu huma ma jsostnu li dan il-ftehim jipprekludi lil Facebook milli toffri servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo lil konsumaturi li jiddeċiedu jabbandunaw l-entità l-ġdida, li kieku din kellha tiddeċiedi li teżerċita xi tip ta' setgħa fis-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u l-intervenjenti jsostnu għustament li l-użu ta' l-istess teknoloġija minn żewġ impriżi ma jaffettwax neċessarjament ir-relazzjonijiet kompetittivi tagħhom.
- 73 Il-ħames nett, bil-kontra ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, in-natura gratwita tas-servizzi hija fattur rilevanti għall-evalwazzjoni tas-setgħa fis-suq tal-entità l-ġdida. Fil-fatt, sa fejn l-utenti jistennew li jirċievu s-servizzi ta' komunikazzjonijiet residenzjali b'xejn, il-possibbiltà għall-entità l-ġdida li tiddetermina liberament il-politika ta' prezzijiet tagħha hija kunsiderevolment ristretta. Il-Kummissjoni tosserva, għustament, li kull tentattiv sabiex l-utenti jħallsu joħloq ir-riskju li titnaqqas l-attrazzjoni ta' dawn is-servizzi u li tressaq lill-utenti lejn fornituri oħra li jkomplu joffru s-servizzi tagħhom b'xejn. Bl-istess mod, kieku l-entità l-ġdida kellha tiddeċiedi li ma tkomplex bl-innovazzjoni fir-rigward tas-servizzi tagħha ta' komunikazzjonijiet, hija tirriskja wkoll li tnaqqas l-attrazzjoni tagħhom fid-dawl tal-livell ta' innovazzjoni fis-suq inkwistjoni. F'dan ir-rigward għandu jittfakkar li ma jeżistux restrizzjonijiet tekniċi jew ekonomiċi li jipprekludu lill-utenti milli jbiddu fornituri (ara l-punt 79 iktar 'il fuq).
- 74 Għalhekk il-partijiet mis-suq u l-livell ta' konċentrazzjoni għolja ħafna fis-suq speċifiku, li l-Kummissjoni sempliċement ikkunsidrat bħala ipoteżi ta' ħidma, ma humiex indikattivi ta' setgħa fis-suq li tippermetti lill-entità l-ġdida milli tostakola b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern.

– Fuq l-effett ta' netwerk

- 75 Fir-rigward tal-effetti ta' netwerk li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni inkwistjoni u li jostakolaw l-aċċess għas-suq, ir-rikorrenti jsostnu li l-effetti ta' netwerk jipproduċu ruħhom fis-swieq kollha tal-komunikazzjonijiet residenzjali. Madankollu huma speċifikaw fis-seduta li dawn l-effetti ta' netwerk isaħħu ulterjorment il-pożizzjoni dominanti tal-entità fis-suq speċifiku.
- 76 Qabel kolloxx għandu jiġi osservat li l-eżistenza ta' effetti ta' netwerk ma jiksbox neċessarjament vantaġġ kompetittiv lill-entità l-ġdida. Fil-fatt, fl-oqsma tas-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali minbarra dawk tal-komunikazzjonijiet vidjo minn PC li jaħdem bil-Windows, l-operaturi kompetituri għandhom partijiet mis-suq importanti biżżejjed biex jikkostitwixxu networks oħra. B'hekk mill-premessi 103 sa 105 tad-deċiżjoni kkontestata, li fir-rigward tagħha r-rikorrenti ma jikkontestawx il-portata, jirriżulta li, in-netwerk ta' utenti ta' messaġġi instantanji ta' Facebook hija iktar importanti minn dik tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni. Bl-istess mod, mill-premessi 106 sa 108 tad-deċiżjoni kkontestata, li fir-rigward tagħha r-rikorrenti lanqas ma jikkontestawx il-portata, jirriżulta li, fil-qasam tat-telefonija vokali, il-konċentrazzjoni ma kellhiex tbiddel is-sitwazzjoni eżistenti, inkwantu l-parti mis-suq ta' WLM hija dgħajfa ħafna.

- 77 Fir-rigward tal-effetti ta' netwerk fis-suq speċifiku biss, ir-rikorrenti mkien ma sostnew, u lanqas urew, li l-livell ta' użu tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo permezz ta' PC li jaħdem bil-Windows offerti minn WLM u Skype jżiedu minħabba l-konċentrazzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrenti jikkritikaw l-analiżi mill-Kummissjoni tal-effetti ta' netwerk, iżda ma jipproduċux provi li jindikaw kif tali effetti jkollhom inċidenza fuq il-kompetizzjoni fis-suq speċifiku (ara l-punt 55 iktar 'il fuq).
- 78 Fi kwalunkwe każ, l-ilment ibbażat fuq l-effetti ta' netwerk ma huwiex fondat.
- 79 L-ewwel nett, bil-kontra għas-sitwazzjonijiet li fuqhom kienu bbażati d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni li huma invokati mir-rikorrenti, u hekk kif ġie indikat mill-intervenjenti, ma jeżistux ostakli tekniċi jew ekonomiċi li jipprekludu lill-utenti milli jniżżlu numru ta' applikazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet fuq il-pjattaformi informatiċi tagħhom, u dan wisq iżjed għadarba dan huwa softwer b'xejn li jitniżżel faċilment u li jokkupa ftit spazju fil-hardisks tagħhom.
- 80 It-tieni nett, l-argument tar-rikorrenti li ċ-ċaqliq tal-konsumaturi lejn fornituri alternattivi hija kkomplikata, minħabba l-appartenenza tagħhom għal numru ta' gruppi żgħar interkonnessi, jistrieħ fuq il-preżunzjoni żbaljata li ċ-ċaqliq kellu jinvolvi lill-gruppi kollha f'operazzjoni waħda biss. Issa, il-Kummissjoni u l-intervenjenti josservaw għustament li ma jeżisti ebda ostakolu ekonomiku jew tekniku sabiex iċ-ċaqliq isir bi gruppi żgħar u dan bil-għan li l-utenti jkomplu jużaw numru ta' softwer ta' komunikazzjonijiet fl-istess waqt.
- 81 Bil-kontra tal-affermazzjonijiet mhux issostanzjati tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ressqet, fid-deċiżjoni kkontestata, indikazzjonijiet konkreti dwar l-eżistenza ta' tali fenomenu ta' hosting multiplu. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma rreferietx biss għal tali koeżistenza bejn WLM u Skype qabel il-konċentrazzjoni. Ir-rapport iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 52 tad-deċiżjoni kkontestata ssemmi numru ta' eżempji oħra ta' użu multiplu li jinvolvi Skype u fornituri alternattivi oħra bħal Yahoo!, AIM u Gmail. Barra minn hekk, il-premessa 93 tad-deċiżjoni appellata, li fir-rigward tagħha r-rikorrenti ma jikkontestawx il-portata, tindika l-wasla reċenti ta' kompetituri bħal Facebook, Viber, Fring u Tango, liema fatt juri li l-effetti ta' netwerk, fi kwalunkwe każ, ma jipprekludux l-aċċess għas-suq.
- 82 It-tielet nett, ir-rikorrenti lanqas ma jikkontestaw il-konstatazzjoni magħmula fil-premessi 73 sa 74 tad-deċiżjoni kkontestata li ż-żieda fid-domanda għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo għall-pubbliku iġenerali għandu jikkonċerna fil-parti l-kbira l-pjattaformi l-oħra minbarra l-PC, bħat-tablets u l-smartphones. Filwaqt li l-attraenza ta' softwer ta' komunikazzjoni għandha tiżdied skont in-numru ta' utenti, effetti ta' netwerk jistgħu jkunu sinjifikattivi biss jekk dan is-sofwer jippermetti li jiġu kkuntattjati wkoll il-konsumaturi li jużaw dawn il-pjattaformi l-oħra għall-komunikazzjonijiet vidjo tagħhom. Issa, f'dan il-każ, il-preżenza ta' WLM fi pjattaformi oħra minbarra l-PC li jaħdmu permezz tal-Windows ma hijiex sinjifikattiva, b'tali mod li l-konċentrazzjoni ma tbiddilx is-sitwazzjoni kompetittiva.
- 83 Ir-raba' nett, fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' natura kummerċjali tad-diriġenti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni li l-valur ta' Skype jikber bin-numru ta' utenti tagħha, għandu jiġi speċifikat li l-Kummissjoni ma tikkontestax l-eżistenza ta' effetti ta' netwerk. Fil-fatt, skont il-premessi 91 sa 94 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tqis biss li dawn l-effetti ta' netwerk ma joħolqux barrieri għad-dħul. Barra minn hekk, l-imsemmija dikjarazzjonijiet jikkonfermaw pjuttost li huma ma jinvalidawx il-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni. Fil-fatt, dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu interpretati bħala li jirriflettu r-rieda tal-intervenjenti li tidħol, permezz ta' l-akkwiżizzjoni ta' Skype, fil-pjattaformi li WLM ma ppermettitlixi li tikseb.
- 84 B'hekk l-ilment ibbażat fuq l-effetti ta' netwerk u tal-barrieri għad-dħul li jirriżultaw minn dawn ma huwiex fondat.

– Fuq id-dannu lill-kompetizzjoni

- 85 Minkejja li l-konċentrazzjoni żżid is-setgħa fis-suq tal-intervenjenti, ir-rikorrenti ma jipprovdu ebda indikazzjoni rilevanti fir-rigward tal-mod li bih din l-allegata setgħa fis-suq tippermetti lill-entità l-ġdida tikkawża dannu sinjifikattiv lill-kompetizzjoni.
- 86 L-ewwel nett, fir-rigward tal-prezzijiet, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li s-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo huma offerti b'xejn lill-utenti, iżda jsostnu li ż-żidiet fil-prezzijiet jistgħu jikkonċernaw is-servizzi ta' Skype lejn networks oħra, id-dħul minn reklami kif ukoll id-dħul minn swieq konnessi. Ir-rikorrenti sostnew ukoll waqt is-seduta li Skype tista' tipprova titlob flus għal ċerti servizzi li attwalment huma offruti b'xejn.
- 87 Dawn l-argumenti ma jistgħux jintlaqgħu.
- 88 Qabelxejn, is-servizzi bi ħlas ta' Skype, b'mod partikolari s-servizzi SkypeOut, jikkonċernaw il-komunikazzjonijiet vidjo biss b'mod limitat ħafna. Fil-fatt, perċentwali minima tad-dħul minn SkypeOut jirriżulta mill-komunikazzjonijiet vidjo fi grupp, liema fatt jimplika iktar minn żewġ utenti fl-istess waqt. Barra minn hekk, kif ġie diġà enfasizzat mill-Kummissjoni, ebda operatur attwalment ma talab flus għas-servizzi tiegħu għal komunikazzjonijiet vidjo bejn żewġ parteċipanti. Il-konsumaturi jistnew li dawn is-servizzi jiġu offerti b'xejn. Issa, ir-rikorrenti ma pprovawx kif il-konċentrazzjoni tista' tippermetti lil Skype tbiddel dawn il-kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr ma l-konsumaturi jibdlu operatur.
- 89 Ir-rikorrenti naqsu wkoll milli jispjegaw kif setgħa eventwali fis-suq speċifiku tal-komunikazzjonijiet vidjo fuq PC li jaħdem bil-Windows tippermetti l-impożizzjoni ta' żieda fil-prezzijiet għal servizzi ta' komunikazzjonijiet differenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jeskludu totalment ir-restrizzjonijiet kompetittivi pprattikati mill-operaturi ta' telefonija tradizzjonali u mill-fornituri ta' telefonija vokali online minbarra Skype, fl-ipoteżi fejn l-entità l-ġdida tipprova żżid il-prezzijiet tal-komunikazzjonijiet vokali SkypeOut.
- 90 Sussegwentement, ir-rikorrenti lanqas ma jispjegaw kif l-entità l-ġdida hija kapaċi timponi żieda fil-prezzijiet fuq min jirreklama. Huma ma sostnewx u lanqas ma pprovaw li kien jeżisti suq tar-reklamar intiż speċifikament għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo residenzjali minn PC li jaħdem bil-Windows. Issa, fin-nuqqas ta' tali suq, min jirreklama jista' faċilment jevita kull tip ta' żieda billi jiffoka mill-ġdid l-ispejjeż pubbliċitarji tiegħu lejn mezzi oħra tax-xandir, sew fuq l-Internet kif ukoll lejn mezzi oħra.
- 91 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti lanqas ma jipprovdu informazzjoni dwar il-possibbiltà għall-entità l-ġdida li timponi żieda fil-prezzijiet fi swieq konnessi, bħas-servizzi ta' komunikazzjonijiet għal impriżi. Huma jillimitaw ruħhom biex jirreferu għat-tieni motiv tagħhom, li għandu jiġi eżaminat iktar 'il quddiem.
- 92 It-tieni nett, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-effett tal-konċentrazzjoni fuq il-kwalità u l-innovazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo huma ulterjorment iktar astratti, inkwantu ma jqiegħdux inkwistjoni l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-premessi 81 sa 84 tad-deċiżjoni kkontestata li s-servizzi ta' komunikazzjonijiet għall-pubbliku iġenerali jiddependu mill-innovazzjoni. Kull tentattiv tal-entità l-ġdida li tiddegrada l-kwalità tas-servizzi tagħha fis-suq speċifiku, sempliċement jaċċellera t-telf ta' importanza relattiva li minnha jbatu s-servizzi ta' komunikazzjonijiet vidjo minn PC li jaħdem bil-Windows (ara l-punt 70 iktar 'il fuq).
- 93 It-tielet nett, ir-rikorrenti ma jistgħux jimlew in-nuqqasijiet tal-opinjoni tagħhom dwar id-dannu kompetittiv kkawżat mill-konċentrazzjoni kkontestata b'riferiment għall-prezz ta' xiri ta' USD 8.5 biljun. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni għustament li, għaladarba n-numru elevat ta' mudelli kummerċjali possibbli u l-assenza ta' tagħrif dwar is-suq affidabbli li jikkonċerna l-implementazzjoni tagħhom fi swieq ġodda, l-evalwazzjoni ta' konċentrazzjoni ma jstax ikollha

l-funzjoni li tbassar il-mudell li fil-prattika jrendi vijabbli t-telefonija vidjo u għaldaqstant isir vijabbli fil-futur. Fil-fatt, is-setgħat li r-Regolament Nru 139/2004 jagħti lill-Kummissjoni jillimitaw ruħhom għall-verifika tal-ostakli sinjifikattivi għall-kompetizzjoni li jistgħu jirriżultaw minn konċentrazzjoni. Madankollu dawn is-setgħat ma jippermettulux jispekula dwar il-livell tal-prezz ta' akkwizzizzjoni jew li jissostitwixxi l-fehma tiegħu dwar il-valur ta' tranżazzjoni ma' dak tal-partijiet ikkonċernati, speċjalment minħabba l-fatt li r-raġunijiet wara dan kollu ma jirriżultawx dejjem minn razzjonalità purament ekonomika.

- 94 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma pprovawx kif il-konċentrazzjoni setgħet tikkawża dannu fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali.
- 95 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma pprovawx li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi qieset li l-konċentrazzjoni ma kinitx tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern li jikkonċerna s-servizzi ta' komunikazzjonijiet residenzjali.
- 96 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet li wassluha ma ssegwix il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha, jeħtieġ sempliċement li jtfakkar li, b'differenza tad-deċiżjonijiet preċedenti, il-każ inkwistjoni ma jikkarakterizzax ruħu bil-preżenza ta' restrizzjonijiet tekniċi jew ekonomiċi li jipprekludu lill-utenti jniżżlu numru ta' softwer ta' komunikazzjonijiet f'daqqa (ara l-punt 79 iktar 'il fuq). Għaldaqstant din ma hijiex kwistjoni ta' bidla kwalunkwe fil-politika li l-Kummissjoni jmissha mmotivat fid-deċiżjoni kkontestata. L-argument dwar il-ksur tal-Artikolu 296 TFUE, li r-rikorrenti jagħmlu insostenn tal-ewwel motiv tagħhom, għandu għaldaqstant jiġi miċħud.
- 97 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-ewwel motiv jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq it-tieni motiv, dwar l-effetti ta' konglomerat tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali

- 98 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li terzi esprimew, waqt il-proċedura amministrattiva, il-biża' li l-konċentrazzjoni tipproduċi effetti ta' konglomerat fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali. Wieħed mill-effetti kkritikati jikkonċerna l-ħolqien mill-entità l-ġdida ta' rabta privileġġata bejn il-bażi tal-utenti ta' Skype u l-prodott Lync ta' Microsoft. Din l-integrazzjoni preferenzjali jikseb lill-entità l-ġdida vantaġġ kompetittiv mal-utenti professjonisti, b'mod partikolari dawk li joperaw call centres.
- 99 Il-Kummissjoni qieset fid-deċiżjoni kkontestata li din il-biża' ma kinitx ġustifikata. Qabel kolloxx, l-entità l-ġdida ma għandhiex il-kapaċità li ssegwi tali strateġija, peress li Skype ma hijiex prodott adattat għall-bżonnijiet tal-impriżi li joperaw call centres. Sussegwentement, din l-entità lanqas ma hija inċentivata tipprekludi lil impriżi li jużaw servizzi oħra ta' komunikazzjonijiet professjonali milli jikkuntattjaw l-utenti ta' Skype. Dawn l-impriżi jżommu l-possibbiltà li jniżżlu b'xejn l-applikazzjoni Skype. Barra minn hekk, Skype ma hijiex prodott indispensabbli għall-operaturi ta' call centres, peress li jeżistu ħafna soluzzjonijiet oħra li jippermettu li ssir komunikazzjoni mal-konsumaturi. Fl-aħħar nett, ma huwiex probabbli li jirriżultaw effetti antikompetittivi fit-tliet snin li ġejjin, inkwantu Lync tiffaċċja l-kompetizzjoni tal-atturi kbar oħra fis-suq, bħal Cisco u IBM.
- 100 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-istrateġija ta' esklużjoni li l-entità l-ġdida tista' ssegwi fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali billi toħloq interoperabbiltà esklużiva jew preferenzjali bejn il-prodotti Lync u l-bażi wiesgħa ta' klijenti ta' Skype. Din l-istrateġija tippermetti lill-entità l-ġdida li tqiegħed lil Lync bħala l-uniku prodott li jista' jissodisfa domanda tikber min-naħa tal-utenti professjonisti kbar li jixtiequ jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-klijenti tagħhom u ma' kuntatti professjonisti oħra. F'dan is-sens, l-entità l-ġdida tista', fid-dawl tal-prattiki ta' esklużjoni preċedenti ta' Microsoft, issostni l-pożizzjoni tagħha ta' setgħa fi swieq konnessi ma' dak tal-komunikazzjonijiet professjonali kif ukoll tintegra l-offerta ta' Lync ma prodotti oħra ta' Microsoft. Billi ma eżaminatx din

l-istrateġija bl-iktar dettall u billi marret kontra din id-domanda tikber, il-Kummissjoni mmotivat b'mod żbaljat id-deċizzjoni tagħha u wettqet numru ta' żbalji fl-evalwazzjoni tar-rabta li teżisti bejn is-suq residenzjali u s-suq professjonist, li fuqu Skype hija barra minn hekk effettivament preżenti.

- 101 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li l-entità l-ġdida ma għandhiex il-kapaċità tagħlaq is-suq. Il-kwistjoni rilevanti ma hijiex dik dwar jekk Skype hijiex prodott għall-call centres, iżda dik intiża sabiex tiġi identifikata l-kapaċità tal-entità l-ġdida li tbiddel il-livell ta' interoperabbiltà favur is-servizzi u prodotti tagħha stess. Issa, fil-premessa 143 tad-deċizzjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dan kien il-każ.
- 102 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni kienet ukoll żbaljata fir-rigward tal-inċentivi tal-entità l-ġdida li tagħlaq is-suq. Il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha ta' dawn l-inċentivi fuq premissi żbaljati. Dan ma huwiex każ ta' konstatazzjoni dwar jekk Skype hijiex prodott indispensabbli, iżda jekk l-integrazzjoni ta' Skype u ta' Lync tagħmilx lil din tal-aħħar prodott indispensabbli biex tiġbed lejha l-bażi ta' utenti enormi ta' Skype u, għaldaqstant, prodott indispensabbli biex jiġu sodisfatti l-aspettattivi tal-utenti ta' komunikazzjonijiet professjonali li jixtiequ jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti ta' Skype. Fin-nuqqas ta' interoperabbiltà ma' Skype, il-kompetituri ta' Lync ma jkollhomx possibbiltajiet oħra reali. B'hekk, il-fatt li Skype tibqa' disponibbli b'xejn bħala applikazzjoni li tista' titniżżel ma jweghibx għat-tħassib ikkawżat minn interoperabbiltà preferenzjali bejn Skype u Lync. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnifisha kkonstatat, fil-kuntest ta' kawżi oħra li jinvolvu lill-intervenjenti, li l-utenti ġeneralment jibqgħu lura milli jniżżlu numru ta' applikazzjonijiet ta' softwer għall-istess funzjoni. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma tat ebda attenzjoni għar-raġunijiet li wasslu lill-intervenjenti toffri USD 8.5 biljun għall-akkwiżizzjoni ta' Skype u li jikkonċernaw preċiżament ir-rabta privileġġata bejn Skype u Lync, fejn injorat b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet ta' ċerti rappreżentanti tal-intervenjenti. Din l-ommissjoni hija ferm iżjed sorprendenti minħabba l-fatti li seħħew qabilha. Din l-impriża diġà ġiet ikkundannata numru ta' drabi għal prattiki ta' esklużjoni u tkompli teskludi l-interoperabbiltà tal-prodotti tagħha ma' dawk tal-kompetituri tagħha.
- 103 Fit-tielet lok, skont ir-rikorrenti, l-analiżi tal-effetti ta' strateġija ta' esklużjoni hija vvizzjata bi żbalji ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni mhux biss issottovalutat l-importanza ta' Lync fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali fil-mument tal-proċedura amministrattiva, iżda injorat ukoll il-fatt li Lync kienet offerta flimkien mas-sistema operattiva Windows Server u prodotti oħra Microsoft li fir-rigward tagħhom l-entità l-ġdida kellha pożizzjoni ta' qawwa. Fl-aħħar nett, l-istabbiliment ta' interoperabbiltà preferenzjali jew esklużiva bejn Lync u Skype hija partikolarment dannuża fi swieq ikkaratterizzati mill-effetti ta' netwerk.
- 104 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jqisu li l-argumenti tar-rikorrenti ma humiex fondati.
- 105 Insostenn tat-tieni motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, żewġ ilmenti.
- 106 L-ewwel ilment huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 296 TFUE. Skont ir-rikorrenti, id-deċizzjoni kkontestata ma tweghibx l-argumenti li Cisco u partijiet oħra interessati esponew matul il-proċedura amministrattiva fir-rigward tal-istrateġija ta' esklużjoni li l-entità l-ġdida hija inklinata li ssegwi.
- 107 It-tieni lment jikkonċerna l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet billi eskludiet it-tħassib fil-qasam ta' kompetizzjoni msemmija fil-punt preċedenti. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti ta' konglomerat li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni. Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, marret kontra l-kapaċità u l-inċentivi tal-entità l-ġdida li tuża l-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali bħala lieva biex twettaq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali.

– Fuq il-motivazzjoni

- 108 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-motivazzjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'tali mod li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu bil-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 166). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma hijiex obligata, fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati minnha sabiex tiżgura l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, li tiegħu pożizzjoni fuq l-argumenti kollha li l-partijiet interessati jinvokaw insostenn tat-talba tagħhom. Huwa biżżejjed li hija tesponi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi b'importanza essenzjali fl-istruttura tad-deċiżjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 1995, BEMIM vs Il-Kummissjoni, T-114/92, Ġabra p. II-147, punt 41, u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 296 għandha tiġi evalwata mhux biss b'riferiment għall-kliem tagħha, iżda wkoll għall-kuntest tagħha kif ukoll għar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63; tat-22 ta' Ġunju 2004, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-42/01, Ġabra p. I-6079, punt 66; u tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast, C-390/06, Ġabra p. I-2577, punt 79).
- 109 B'mod simili, il-livell ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandu jkun proporzjonali mal-possibbiltajiet materjali u mal-kundizzjonijiet tekniċi jew ta' terminu li fihom din għandha tittieħed (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Diċembru 1965, Schwarze, 16/65, Ġabra p. 1081, 1096 u 1097, u tal-14 ta' Frar 1990, Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, C-350/88, Ġabra p. I-395, punt 16; sentenza Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 167). Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tixsrx l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni jekk, fid-deċiżjoni tagħha, hija ma tinkludix motivazzjoni preċiża fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' ċertu numru ta' aspetti tal-konċentrazzjoni li jidhrulha manifestament mhux f'l-okkom, neqsin minn sinjifikat jew kjarment sekondarji għall-evalwazzjoni minn din tal-aħħar (sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64, u Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 167). Tali rekwiżit huwa fil-fatt diffiċilment kompatibbli mal-ħtieġa ta' kjaranza u mat-termini qosra ta' proċedura li għandha l-Kummissjoni meta teżerċita s-setgħa tagħha ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet u li jagħmlu parti miċ-ċirkustanzi partikolari ta' proċedura ta' kontroll ta' dawn il-konċentrazzjonijiet (sentenza Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 167).
- 110 Għaldaqstant il-Kummissjoni ma għandhiex obbligu li tirrispondi għall-argumenti kollha mressqa mill-partijiet u mit-terzi waqt il-proċedura amministrattiva, u lanqas li tipprovdi motivazzjoni preċiża dwar l-evalwazzjoni tagħha ta' dawn l-argumenti.
- 111 F'dan il-każ, il-Kummissjoni rrispondiet għall-argumenti ppreżentati minn Cisco u minn partijiet oħra interessati fil-premessi 213 sa 221 tad-deċiżjoni kkontestata. Għalkemm huwa minnu li din il-motivazzjoni hija esposta fil-qosor, hija madankollu ma tmurx kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE, fid-dawl tal-kuntest speċifiku tal-każ inkwistjoni.
- 112 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ssemmi li rċeviet numru relattivament għoli ta' osservazzjonijiet ta' terzi, li hija kellha teżamina f'medda ta' żmien relattivament qasir. Barra minn hekk, it-teorija ta' effetti ta' konglomerat imressqa minn Cisco matul il-proċedura amministrattiva hija kumplessa u astratta (ara l-punti 124 sa 127 iktar 'il quddiem), meta l-konċentrazzjonijiet li jagħtu lok għal konglomerati ġeneralment ma jgħolqux problemi ta' kompetizzjoni (ara l-punti 115 u 116 iktar 'il quddiem).

- 113 F'tali kundizzjonijiet, ikun eċċessiv li wieħed jirrikjedi deskrizzjoni iktar iddettaljata ta' kull wieħed mill-aspetti li fuqhom hija bbażata l-analiżi tat-teorija tal-effetti ta' konglomerat fid-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni setgħet għaldaqstant tissodisfa ruħha billi tirrispondi fil-qosor għall-argumenti ta' Cisco, tant li din setgħet perfettament tifhem ir-raġunament tagħha, bħal ma jixhed dan ir-rikors.
- 114 Għaldaqstant, l-ewwel ilment tat-tieni motiv għandu jiġi miċċud bħala infondat.
- Fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni
- 115 Sabiex tispeċifika l-kriterji ta' evalwazzjoni tagħha hekk kif imposti bl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004 fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet li jiġġeneraw effetti ta' konglomerat, il-Kummissjoni ppubblikat Linji gwida dwar l-evalwazzjoni ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU 2008, C 265, p. 6). Mill-punti 11 u 92 ta' dawn il-linji gwida jirriżulta li dan it-tip ta' konċentrazzjoni ma jinvolvix impriżi kompetituri, b'tali mod li dawn il-konċentrazzjonijiet jistgħu inqas joħolqu problemi ta' kompetizzjoni milli jistgħu l-konċentrazzjonijiet orizzontali. Barra minn hekk, huma jistgħu jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jagħmlu qligħ dovut għal effikaċja.
- 116 Madankollu, il-konċentrazzjonijiet li jiġġeneraw effetti ta' konglomerat jistgħu f'ċerti ċirkustanzi jqajmu problemi ta' kompetizzjoni. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta l-konċentrazzjoni tippermetti lill-entità l-ġdida ssegwi strateġija ta' esklużjoni. Fil-fatt, skont il-punt 93 tal-Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, esklużjoni tista' tirriżulta jekk il-prodotti flimkien fi swieq marbuta jagħtu lill-entità li tirriżulta mill-amalgamazzjoni l-kapaċità u l-motivazzjoni sabiex topera, permezz ta' effett ta' lieva, il-pożizzjoni qawwija li hija tokkupa f'suq biex teskludi l-kompetizzjoni f'suq ieħor. Skont il-ġurisprudenza, dan l-effett fuq suq ieħor għandu jkun prevedibbli f'futur relattivament qarib sabiex il-konċentrazzjoni tkun tista' tqajjem problemi ta' kompetizzjoni taħt ir-Regolament Nru 139/2004 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2002, Tetra Laval vs Il-Kummissjoni, T-5/02, Ġabra p. II-4381, punti 148 sa 153).
- 117 Fir-rigward tal-prova ta' tali effetti ta' konglomerat, il-ġurisprudenza stabbilixxiet li l-kwalità tal-provi prodotti mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-ħtieġa ta' deċiżjoni li tiddikjara operazzjoni inkompatibbli mas-suq intern kien partikolarment importanti. Fil-fatt, l-evalwazzjoni ta' konċentrazzjoni tat-tip konglomerat tistrieħ fuq analiżi prospettiva li fiha t-teħid inkunsiderazzjoni ta' tul ta' żmien estiż fil-futur, minn naħa, u l-effett ta' lieva neċessarja sabiex ikun hemm ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, min-naħa l-oħra, jimplikaw li r-rabta ta' kawża u effett ma hijiex wisq evidenti, hija inċerta u diffiċli li tiġi stabbilita (sentenza Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50; ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).
- 118 Għandu jitfakkar ukoll li l-Kummissjoni tista' tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern biss jekk l-ostakolu sinjifikattiv għall-kompetizzjoni jkun konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni. Tali ostakolu li jirriżulta mid-deċiżjonijiet futuri tal-entità li tirriżulta mill-amalgamazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni, jekk dan l-aġir isir possibbli u ekonomikament razzjonali permezz tat-tibdil fil-karatteristiċi u fl-istruttura tas-suq ikkawżat bil-konċentrazzjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni, T-342/99, Ġabra p. II-2585, punt 58; ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gencor vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 94).

- 119 F'dan il-każ, ir-rikorrenti jilmentaw b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li għandha l-entità l-ġdida li toħloq distorsjoni fuq il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali favur Lync billi tiżgura interoperabbiltà preferenzjali ta' dan il-prodott ma' Skype u dan bil-parti l-kbira ta' utenti ta' dan is-softwer ta' komunikazzjoni.
- 120 Huwa paċifiku li din l-interoperabbiltà ma kinitx għadha għet żgurata fid-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li hija kienet għadha teħtieġ xogħol ta' innovazzjoni relattivament twil u kumpless. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-intervenjenti u li ma tqegħditx inkwistjoni mir-rikorrenti, il-ħolqien ta' pont informatiku bejn Lync u Skype ma għandux iseħħ qabel l-2013. Barra minn hekk, li kieku kellu jitqies li dan iseħħ fit-termini previsti, l-entità l-ġdida jkun għad fadlilha tibda sforzi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodott il-ġdid fi ħdan il-klijenti professjonisti li jistgħu jkunu interessati. Din l-inizjattiva kummerċjali għaldaqstant għandha tiżvolġi matul is-sena 2014. Fl-aħħar nett, sabiex l-effetti antikompetittivi li jħassbu lir-rikorrenti jkunu jistgħu jseħħu fl-istess sena, fejn il-Kummissjoni għamlet riferiment għal perijodu ta' tliet snin wara d-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni, ikun jifdal li din l-inizjattiva jkollha suċċess kummerċjali ta' daqs li joħloq ċaqliq, b'mod kważi instantanju, fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali favur Lync u li jippermetti lill-entità l-ġdida twettaq esklużjoni f'dan is-suq. Dan is-suċċess kummerċjali jfisser tibdil ewlieni tal-pożizzjoni tal-operaturi fis-suq u jfisser b'mod partikolari li l-parti mis-suq ta' Lync fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali, li kienet ta' 16 % fl-2011, żviluppat b'mod sinjifikattiv meta pparagunata ma' dik ta' Cisco, li kienet ta' 32 % matul l-istess sena.
- 121 L-effett ta' esklużjoni li ħoloq tħassib fost ir-rikorrenti għaldaqstant jiddependi fuq serje ta' fatturi li fir-rigward tagħhom ma huwiex ċert li jistgħu jseħħu kollha kemm huma f'futur biżżejjed qarib sabiex l-analiżi prospettiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni ma ssirx purament spekulattiva (ara l-punt 116 iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, hekk kif issemma fil-punt preċedenti, il-Kummissjoni għamlet riferiment għal perijodu ta' tliet snin wara d-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni. Dan il-perijodu, li barra minn hekk ir-rikorrenti ma kkontestawx, huwa relattivament twil meta jkun jirrigwarda, bħal f'dan il-każ, settur ta' teknoloġija ġdida li tikkaratterizza ruħha b'ċikli ta' innovazzjoni relattivament qosra. Fl-aħħar nett, ir-raġunament tar-rikorrenti mhux biss jibbaża ruħu fuq ġrajjiet futuri u inċerti, iżda jeskludi wkoll il-possibbiltà li l-kompetituri tal-entità l-ġdida jadattaw il-politiki kummerċjali u teknoloġiċi tagħhom sabiex jantiċipaw u jikkontrattakkaw strateġija eventwali ta' esklużjoni.
- 122 Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-effetti ta' esklużjoni lmentati mir-rikorrenti huma wisq inċerti sabiex jiġu kkunsidrati bħala konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni.
- 123 Barra minn hekk, filwaqt li l-effetti negattivi espressi fit-tħassib tar-rikorrenti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala konsegwenza tal-konċentrazzjoni, ma jistax jiġi konkluż, għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi eskcludiet l-eżistenza ta' dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq intern.
- 124 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kapaċità tal-entità l-ġdida li twettaq esklużjoni, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti fir-rigward tal-vantaġġ kompetittiv li għandha l-entità l-ġdida jibqgħu vagi. Jidher li, permezz tal-integrazzjoni ta' Lync u l-bażi ta' utenti ta' Skype, l-entità l-ġdida għandha titqies li għandha għodda kummerċjali importanti fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali. Fil-fatt, din l-integrazzjoni tippermetti lill-utenti professjonisti li jikkomunikaw, b'mod partikolari viżwalment, mal-klijenti tagħhom u ma' kuntatti ta' natura professjonali oħra, bħall-fornituri u distributuri, li jużaw l-istess softwer bħal dak użat għall-komunikazzjonijiet fi ħdan l-impriża.
- 125 Madankollu r-rikorrenti ma jipprovdu ebda prova tanġibbli tal-eżistenza, tad-daqs jew tal-iżvilupp tad-domanda għal tali prodott. Huma jirreferu għall-informazzjoni li Cisco pprovdiet lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva, li tillimita ruħha sabiex issemmi l-isem ta' xi impriżi jew setturi kbar li jixtiequ jikkomunikaw mal-utenti ta' Skype, mingħajr madankollu ma tippreċiża jekk dawn

ix-xewqat jikkonċernawx il-prodott futur li jintegra Lync u Skype. Min-naħa l-oħra, l-intervenjenti pproduċiet indikazzjonijiet konkreti fir-rigward tan-nuqqas ta' interess min-naħa ta' klijenti ta' Lync għal għodda ta' komunikazzjoni għal messaqġi instantani.

- 126 It-tieni nett, minkejja li teżisti domanda reali u sinjifikattiva għal għodda ta' komunikazzjoni bħal dik li tirriżulta minn integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype, ir-rikorrenti jibqgħu ma jonqsu milli jispjegaw ir-raġunijiet għalfejn l-utenti professjonisti jixtiequ speċifikament jikkomunikaw mal-utenti ta' Skype. Huma jillimitaw ruħhom sabiex isostnu l-bażi kbira ta' utenti ta' Skype u pożizzjoni dominanti tal-entità l-għdida fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali, b'mod partikolari għall-komunikazzjonijiet vidjo fuq PC li jaħdem bil-Windows. Hekk kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, l-impriżi eventwalment interessati minn għodda ta' komunikazzjoni integrata jixtiequ qabel kollox jikkomunikaw mal-konsumaturi tal-prodotti u tas-servizzi tagħhom u mhux mal-utenti ta' Skype. Issa, ma jidherx kjarment jekk dawn l-utenti humiex ukoll klijenti attwali jew potenzjali tal-impriżi li jistgħu jixtru l-prodott li jirriżulta mill-integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype u wisq inqas li dawn l-utenti jixtiequ jikkomunikaw viżwalment ma' dawn l-istess impriżi.
- 127 Barra minn hekk, li kieku kellu jitqies li l-utenti ta' Skype jikkostitwixxu grupp ta' konsumaturi kummerċjalment interessanti, Skype ma tippermettix lill-impriżi sabiex jeħduhomliha mis-suq b'mod attiv. Fil-fatt, hekk kif ġie indikat mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti, ma huwiex possibbli li jiġu kkuntattjati l-utenti ta' Skype, li normalment jagħmlu użu minn psewdonimu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom minn qabel. Min-naħa l-oħra, fl-ipoteżi fejn l-interess kummerċjali tal-prodott li jirriżulta mill-integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype jikkonċerna l-possibbiltà għall-utenti ta' Skype li jikkuntattjaw l-impriżi li jbigħulhom prodotti u servizzi, ir-rikorrenti madankollu ma jipprovdu ebda preċiżazzjoni fir-rigward tal-vantaġġ kummerċjali ta' dan il-prodott integrat meta mqabbel mal-metodi oħra ta' komunikazzjonijiet bejn l-impriżi u l-konsumaturi, bħat-telefonija tradizzjonali. Fil-fatt, il-Kummissjoni u l-intervenjenti josservaw ġustament li ma huwiex plawżibbli, minħabba l-preżenza ta' dawn il-metodi oħra ta' komunikazzjonijiet, li l-prodott li jirriżulta mill-integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype isir indispensabbli għall-impriżi li jixtiequ jikkomunikaw mal-konsumaturi tagħhom. Għandu jiġi osservat ukoll li l-applikazzjoni Skype tibqa' disponibbli u tista' titniżżel elettronikament wara l-konċentrazzjoni u li għaldaqstant huwa effettivament possibbli għal kull impriża li tippermetti lill-klijenti tagħha jikkuntattjawha permezz ta' Skype billi tindika l-username Skype tagħha fuq il-prodotti tagħha, fir-reklami tagħha jew fuq is-sit Internet tagħha. Sabiex tikkomunika mal-utenti ta' Skype, ma huwiex neċessarju għal impriża li jkollha l-prodott li jirriżulta mill-integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype.
- 128 It-tielet nett, fl-ipoteżi fejn il-prodott li jirriżulta mill-integrazzjoni ta' Lync u ta' Skype jikseb lill-entità l-għdida vantaġġ kummerċjali reali, din l-entità xorta waħda ma jkollhiex il-kapaċità li ssegwi strateġija ta' esklużjoni. Minn naħa, mill-analiżi tal-ewwel motiv jirriżulta li l-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern fir-rigward tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet residenzjali. Min-naħa l-oħra, hekk kif ġie osservat fil-punt 121 iktar 'il fuq, il-kompetituri ta' Lync, fosthom Cisco, ikomplu jkollhom biżżejjed żmien sabiex jiżviluppaw politiki kummerċjali intiżi sabiex jikkontrattakkaw l-istrateġija ta' esklużjoni li l-entità l-għdida tista' eventwalment tiddeċiedi li ssegwi. Fil-fatt, dawn il-kompetituri jistgħu jadattaw il-prezzijiet tagħhom, il-kwalità jew il-funzjonalitajiet tal-prodotti tagħhom jew ulterjorment jitolbu s-servizzi ta' fornituri oħra kbar ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet residenzjali, bħal Facebook, Twitter u Google. Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li bosta impriżi diġà huma konnessi ma' dan it-tip ta' networks, hekk kif issostni l-intervenjenti.
- 129 Ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontestaw is-setgħa fis-suq dgħajfa tal-entità l-għdida billi jirreferu għall-premessa 143 tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-kapaċità ta' Microsoft li tadotta politika ta' esklużjoni fuq swieq oħra. Fil-fatt, din il-premessa ma tikkonċernax is-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali, iżda s-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali u b'mod partikolari l-possibbiltà għall-entità l-għdida li tgħaqqad prodotti oħra ta' Microsoft, f'dan il-każ Windows, Windows Internet Explorer jew Microsoft Office, ma' Skype.

- 130 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċew ebda element ieħor li jippermetti li jiġi pprovat li l-entità l-ġdida għandha l-kapaċità li tinvolvi ruħha fl-istrategġija ta' esklużjoni mis-suq li huma jikkritikaw.
- 131 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-inċentivi għall-entità l-ġdida li ssegwi tali strategġija, għandu jtifakkar li r-rikorrenti ma pproduċew ebda prova konkreta fir-rigward tal-vantaġġi li din l-istrategġija tista' tipprovdi lill-entità l-ġdida. Huma sempliċement jirreferu għad-daqs kbir tal-bażi ta' utenti ta' Skype, għall-valur tat-tranżazzjoni li tammonta għal USD 8.5 biljun, għal ċerti dikjarazzjonijiet tal-President-Direttur-Ġenerali ta' Microsoft u għall-prattiki ta' esklużjoni preċedenti tagħha.
- 132 Issa, fin-nuqqas ta' kull informazzjoni fir-rigward tar-realtà, id-daqs u n-natura tad-domanda għal prodott li jintegra Skype u Lync, huwa diffiċli, jew saħansitra impossibbli, li jiġi evalwat jekk strategġija ta' esklużjoni tistax tirriżulta vantaġġuża għall-entità l-ġdida. Barra minn hekk, sa fejn Skype tibqa' disponibbli bħala softwer li tista' titniżżel elettronikament għall-utenti kollha, inklużi l-impriżi, huwa wkoll diffiċli li tingħata tweġiba għall-kwistjoni dwar jekk dawn l-impriżi jippreferux il-prodott integrat meta mqabbel ma' sistema ta' komunikazzjonijiet professjonali kompetitur li fuqu huma jkun niżżlu s-softwer Skype. Riferimenti għal Prattiki kummerċjali preċedenti li jikkonċernaw swieq oħra minbarra dak tal-komunikazzjonijiet residenzjali, għall-valur tat-tranżazzjoni u għal dikjarazzjonijiet kummerċjali ġenerali ta' ċerti rappreżentanti ta' Microsoft ma jistgħux itaffu dawn in-nuqqasijiet.
- 133 Għaldaqstant ma jeżistux fatturi tanġibbli li jippermettu li wieħed jikkonkludi li l-entità l-ġdida għandha inċentiv timplimenta strategġija ta' esklużjoni.
- 134 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-inċidenza globali probabbli ta' tali strategġija fuq il-prezzijiet u fuq l-għażla, għandu jtifakkar, bħal ma għamli l-Kummissjoni u l-intervenjenti, li l-preżenza ta' Lync fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali hija ċertament sinjifikattiva, iżda li hija inferjuri għal dik tal-kompetituri tagħha u, b'mod partikolari, għal dik ta' Cisco. Peress li l-implementazzjoni tal-istrategġija għandha ddum diversi snin (ara l-punti 120 u 121 iktar 'il fuq), ma kienx previst meta ġiet adottata tali deċiżjoni kkontestata li tali strategġija tista' twassal għal xaqliba fid-data kompetittiva favur Lync fis-snin ta' wara din l-adozzjoni.
- 135 Il-fatt li Lync tista' tinbiegħ flimkien ma' prodotti oħra tal-linja Microsoft ma jbidel xejn minn din il-konstatazzjoni, peress li tali strategġija ta' bejgħ ma tiddependix mill-konċentrazzjoni kkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata.
- 136 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-effetti ta' konglomerat fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali.
- 137 Għaldaqstant it-tieni lment tat-tieni motiv għandu jiġi miċħud bhala infondat u, b'hekk, it-tieni motiv fl-intier tiegħu.
- 138 Fid-dawl tal-argumenti preċedenti, it-talba għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi miċħuda.
- 139 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ewwel parti tat-talbiet, ir-rikorrenti jitolbu essenzjalment sabiex il-Qorti Ġenerali tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li tobbliga lill-Kummissjoni tipprovdiha d-dokumenti kollha dwar in-negozjati li jikkonċernaw il-komunikazzjonijiet bejnha u l-partijiet fit-tranżazzjoni fir-rigward ta' impenji eventwali ta' interoperabbiltà. Sa fejn jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' evalwazzjoni manifesta billi approvat il-konċentrazzjoni abbażi tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 139/2004, ma hemmx iżjed lok li tiġi ttrattata, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni eventwalment setgħetx kellha diskussjonijiet dwar impenji ta' interoperabbiltà. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li ma huwiex neċessarju li tiġi adottata l-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura msemmija fl-ewwel parti ta' konklużjonijiet.

Fuq l-ispejjeż

¹⁴⁰ Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) **Cisco Systems Inc. u Messagenet SpA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Microsoft Corporation.**

Papasavvas

van der Woude

Wetter

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2013.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża	2
Partijiet fil-proċedura	2
Proċedura amministrattiva.....	2
Kontenut tad-deċiżjoni kkontestata	2
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet	4
Id-dritt	5
Fuq l-ammissibbiltà	5
Fuq il-mertu	7
Fuq ir-reqwiziti ta' prova tal-Kummissjoni u l-intensitá tal-kontroll ġudizzjarju	?7
Fuq l-ewwel motiv, dwar l-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet residenzjali	9
– Fuq il-parti mis-suq	10
– Fuq l-effett ta' netwerk	12
– Fuq id-dannu lill-kompetizzjoni	14

Fuq it-tieni motiv, dwar l-effetti ta' konglomerat tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-komunikazzjonijiet professjonali	15
– Fuq il-motivazzjoni.....	17
– Fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni	18
Fuq l-ispejjeż	22